MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 897/2008

Bank of Valletta plc (C2833).

Vs

Michael Vella (Id. 31860M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elfejn, mija u hamsa u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€2,185.12) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-loan account, flimkien ma l-imghax ulterjuri mis-7 ta’ Novembru 2008 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 9 ta’ April 2008 u tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment. U peress illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, izda baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, mija u hamsa u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€2,185.12), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------